DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-2 ta' Diċembru 2010

biex il-4-metilmetkatinon (mefredron) jiġi sottomess għal miżuri ta' kontroll

(2010/759/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Abbażi tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI, tħejja rapport ta' valutazzjoni tar-riskju dwar il-4-metilmetkatinon (mefedron) minn sessjoni speċjali tal-Kumitat Xjentifiku estiż taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, u sussegwentement wasal għand il-Kummissjoni fit-3 ta' Awwissu 2010.

(2) Il-mefedron huwa katinon sintetiku li huwa manifatturat u mqassam legalment prinċipalment fl-Asja, filwaqt li jidher li l-imballaġġ aħħari jidher li jseħħ fl-Ewropa. Il-mefedron jinbiegħ l-aktar bħala trab, iżda wkoll bħala kapsuli jew pilloli. Jinkiseb b'mod kummerċjali minn fuq l-Internet, minn ħwienet li jbiegħu sustanzi psikotropiċi legali ("head shops") u minn bejjiegħa fit-toroq. Fuq l-Internet, il-mefedron spiss jiġi kkumerċjalizzat bħala "fertilizzant għall-pjanti", "melħ għall-banju" jew "kimika għar-riċerka". Huwa rari ħafna li jiġi kkummerċjalizzat bħala "stimulant legali" (sustanza psikoattiva leċita) u normalment ma jkun hemm l-ebda referenza jew informazzjoni konkreta dwar l-effetti psikoattivi potenzjali tiegħu.

(3) Huwa diffiċili li wieħed jevalwa l-effetti speċifiċi tal-mefedron għaliex prinċipalment jintuża flimkien ma' sustanzi bħall-alkoħol u stimulanti oħra. Il-mefedron jitqies bħala li għandu effetti fiżiċi simili għal drogi stimulanti oħra, b'mod partikolari d-droga ecstasy (MDMA). Madankollu, peress li l-effetti tiegħu huma relattivament qosra, b'mod li dak li jkun jieħu dożi ripetuti, aktar jista' jitqabbel mal-kokaina. Hemm provi li juru li jista' jintuża bħala alternattiva għal stimulanti illeċiti, li hemm it-tendenza li jsir abbuż kbir minnu u li għandu l-potenzjal li jikkawża d-dipendenza. Jkun hemm bżonn aktar studji profondi biex jiġi eżaminat fid-dettall il-potenzjal ta' dipendenza ta' din id-droga.

(4) Hemm żewġ każijiet rappurtati ta' mewt fl-Unjoni li fihom jidher li l-mefedron kien il-kawża unika tal-mewt. Hemm mill-anqas 37 każ ieħor ta' mewt li fihom instabet kwantità ta' mefedron f'kampjuni meħuda f'analiżi wara l-mewt.

(5) Wieħed u għoxrin Stat Membru rrappurtaw il-qabda ta' mefedron bħala trab jew bħala pilloli. Ftit hemm tagħrif li jista' jindika ipproċessar jew tqassim fuq skala kbira u l-involviment tal-kriminalità organizzata. Xi provi jindikaw li fejn sar kontroll fuq il-mefedron, id-droga tibqa' aċċessibbli fuq is-suq illeċitu.

(6) Il-mefedron ma għandu l-ebda valur mediku jew użu stabbilit jew magħruf fl-Unjoni u ma hemm l-ebda indikazzjoni li jista' jintuża għal xi skopijiet leġittimi oħra.

(7) Il-mefedron bħalissa ma jinsab għaddej minn taħt l-ebda proċess ta' valutazzjoni u ma għadda mill-ebda proċess ta' valutazzjoni mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti. Ħdax-il Stati Membru jikkontrollaw il-mefedron bil-leġislazzjoni dwar il-kontroll tad-droga bis-saħħa tal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971. Żewġ Stati Membri japplikaw miżuri ta' kontroll fuq il-mefedron skont il-leġislazzjoni tagħhom dwar il-mediċini.

(8) Il-valutazzjoni tar-riskju tiżvela provi xjentifiċi limitati u tindika li hemm bżonn li jsiru aktar studji dwar ir-riskji ġenerali għas-saħħa u dawk soċjali tal-mefedron. Madankollu, minħabba il-proprjetajiet stimulanti tiegħu, l-abbiltà tiegħu li jikkawża d-dipendenza fost dawk li jużawh, l-attrazzjoni potenzjali li għandu, ir-riskju għas-saħħa, in-nuqqas ta' benefiċċji mediċi, u għaldaqstant il-ħtieġa li tintuża l-prekawzjoni, il-mefedron għandu jiġi kkontrollat.

(9) Minħabba li ħdax-il Stat Membru diġà jikkontrollaw il-mefedron, il-fatt li jitqiegħed taħt kontroll madwar l-Unjoni jista' jgħin biex jiġu evitati problemi ta' infurzar tal-liġi transkonfinali kif ukoll problemi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, biex il-4-metilmetkatinon (mefedron) jitpoġġa taħt miżuri ta' kontroll kif ukoll ta' pieni kriminali, skont kif stipulat mil-leġislazzjoni tagħhom f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sostanzi Psikotropiċi tal-1971.

[1] ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2010.

Ghall-Kunsill

Il-President

M. WATHELET